**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 322/2016JB

Numru: 18

**St George's Court Owners' Association**

***vs***

**New Concept Developers Limited (C58888)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-11 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Assocjazzjoni Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlitt elef u erbgha u disghin euro (€3,094) liema somma tirraprezenta kontribuzzjoni dovuta minnha ghal refurbishment gewwa l-kondominju maghruf bhala Rohan Block;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li giet debitament notifikata bl-atti, is-Socjeta Konvenuta naqset milli tikkontesta dina l-kawza;

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Konvenuta – ghad li debitament notifikata – naqset milli tipprezenta risposta.  Mill-banda ‘l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu.  Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ €3,094 bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*